**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-18 TA' NOVEMBRU 2021**

**Kawża Numru: 1K**

**Rik. Kost. 404/2021 RGM**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Rosario Militello**

**Il-Qorti**

Rat illi fis-27 t'April 2021, ir-rikorrent Rosario Militello ppreżenta rikors fejn talab lill-Qorti Kriminali

> "sabiex tirreferi din il-kwistjoni lil Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) sabiex jigi deciz jekk id-decisjoni tal-Qorti ta l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta Malta vs Rosario Militello moghtija fis-27 ta' Jannar 2021 – in kwantu ddikjarat li l-istqarrija tieghu maghmula minghajr il-presenza ta' l-Avukat kwalunkwe dikjarazzjoni maghmula fl-istadju ta l-investigazzjoni minghajr il-presenza tal-Avukat u kwalunkwe referenza ghall-kontenut ta l-istqarrija u ghal dak li seta' qal minghajr il-

presenza ta l-Avukat huma ammissibbli – tiksirx d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta Malta".

Rat id-**digriet tal-Qorti Kriminali** datata 1 ta' Ġunju 2021 fejn wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha waslet għas-segwenti konklużjoni:

"Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li tirreferi ghal konsiderazzjonijiet kollha maghmulha, qieghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex issir referenza kostituzzjonali stante li jesisti stat ta' incetezza legali dwar l-prova li ghandu jkun hemm b'statement li gie rilaxxjat fl-assenza ta' assitenza legali, meta ir-regola ta' inferenza kienet parti mill-ligi tal-pajjiz u ghalhekk qeda tissospendi l-prosegwiment tas-smigh tal-kaz, tiddiferixxi l-kawza sine die u tirreferi l-atti lill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) sakemm ikun hemm esitu finali dwar din ir-referenza."

Rat ir-**risposta tal-Avukat tal-Istat** ppreżentata fit-18 ta' Ġunju 2021;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Rosario Militello ippreżentata fit-22 ta' Lulju 2021[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fis-6 t'Ottubru 2021[2];

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

[1] Paġna 116 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 123 et seq tal-proċess.

**Fatti relevanti**

Fil-5 t'Awwissu 2015, Rosario Militello tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn ġie akkużat talli fis-6 ta' Mejju 2014 u fit-tliet xhur ta' qabel dik id-data

a) Biegħ jew ittraffika l-pjanat *Cannabis* kollha jew biċċa minnha, u
b) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha.

Militello ġie akkużat ukoll li fit-3 t'Awwissu 2014 u fl-erba' xhur ta' qabel,

c) Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikoli tal-Kapitolu 101, u
d) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina.

Mill-atti jirriżulta li fl-4 t'Awwissu 2014 huwa rrilaxxa stqarrija u dan wara li huwa kien tkellem mal-avukat tal-fiduċja tiegħu. Mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-3 ta' Diċembru 2019 jirriżulta li fis-27 t'April 2018, l-applikant ppreżenta nota ta' eċċezzjonijiet fejn eċċepixxa fost oħrajn li l-istqarrija tiegħu m'hijiex ammissibbli in vista li ttieħdet mingħajr ma kellu l-assistenza ta' avukat. Dwar din l-eċċezzjoni l-imsemmija Qorti iddeċidiet hekk:

> "Din il-Qorti tqis ghalhekk li filwaqt li ma hija bl-ebda mod tikkunsidra t-tehid tal-istqarrija minghajr presenza tal-Avukat bhala leziva tad-dritt ta' smiegh xieraq, wara kollox din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tikkunsidra jew tiddeciedi dan, tqis izda illi gialadarba l-proceduri ghadhom ma ntemmux anzi ghadu ser jinstema' l-guri, u stante li l-kontenut tal-istqarrija rilaxxata fl-erbgha (4) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) jista' jkollha impatt fuq il-process kriminali, ma jkunx ghaqli jekk l-istqarrija tal-akkuzat li ttiehdet minghajr il-prezenza ta' Avukat tinzamm fil-process u cioe' li jkollha valur probatorju b'riskju li l-process ikollu jithassar wara li jintemm jew li aktar il-quddiem l-istqarrija tigi sfilzata wara li l-provi jkunu maghluqa bi pregudizzju ghal partijiet kollha.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja li l-izvillup gurisprudenzjali jaghti x'jifhem li sabiex jigi deciz jekk kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq irid jittiehed kont tal-process kollu u ghalhekk il-fatt wahdu li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat illum il-gurnata qieghed jigi interpretat bhala li ma jfissirx awtomatikament li jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, gialadarba dan il-guri ghadu ser jibda jinstema' din il-Qorti hija tal-fehma fl-interess tal-gustizzja u l-integrita tal-process, ghandha tordna l-isfilz tal-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat.

[...]

Din il-Qorti gialadarba l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat sejra tigi sfilzata, sejra ukoll tiskarta kwalunkwe referenza ghal kontenut tal-istess stqarrija jew ghal kwalunkwe haga li l-akkuzat setgha qal matul l-investigazzjoni minghajr il-prezenza ta' Avukat. Ghalhekk l-ewwel parti tal-ewwel ecccezzjoni li taqra 'L-inammissibilita' ta' l-istqarrija ta' l-esponent u kull dikjarazzjni ohra li seta' ghamel lill-pulizija in kwantu ttiehdu minghajr ma kellu l-assistenza ta' avukat' qieghda tigi milquha."

L-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza u talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fost oħrajn

"tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħat *in parte* l-ewwel eċċezzjoni u ordnat l-isfilz tal-istqarrija datata l-erbgħa (4) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) kif ukoll dik il-parti fejn ddikjarat bħala inammissibbli kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula mill-akkużat fl-istadju tal-investigazzjoni mingħajr il-presenza tal-avukat u sussegwentement tgħaddi sabiex tiddisponi mill-materja in kwistjoni skond il-liġi u dan fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja."

B'sentenza tas-27 ta' Jannar 2021 il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħat l-appell tal-Avukat Ġenerali u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"17. [...] il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema' mill-qorti kompetenti ma jistax jingħad jekk il-kriterji indikati fil-kaz *Beuze* ġewx segwiti. Ukoll għaliex, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, la dik il-Qorti u lanqas din il-Qorti ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarrġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ, iktar u iktar f'dik is-sitwazzjoni fejn xi forma ta' assistenza legali tkun ġiet mogħtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeċiedi *a priori* illi tiskarta prova li f'dan l-istadju għadna valur probatorju, bil-fatt waħdu illi fiż-żmien li l-persuna akkużata tkun ġiet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat preżenti magħha waqt it-teħid tal-istqarrija. Dan għaliex skont l-imsemmija pronunzjamenti dan n-nuqqas ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti.

**18**. Illi dak li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti, allura, kien illi, mogħnija bil-provi diġà ikkumpilati, abbażi tat-test imfassal fil-każ *Beuze,* tistħarreġ b'mod preliminari (u dan mingħajr ma tesprimi ruħha fil-mertu, billi dak jispetta biss l-imħallfin tal-fatt) jekk il-kriterji stabbiliti f'din id-deċiżjoni ġewx imħaddna u allura jekk bil-fatt illi l-appellat ma kellux avukat preżenti miegħu meta ġiet rilaxxata dik l-istqarrija setax f'dan l-istadju tal-proċeduri vvizja dik il-prova mill-aspett tad-dritt penali.

[...]

**21**. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u billi d-difiża qed issejjes l-eċċezzjoni tagħha dwar l-inammissibilita ta' l-istqarrija ta' l-akkużat mhux fuq xi regola penali tal-evidenza li teskludi dik il-prova, peress li l-istess stqarrija kienet konformi mal-liġi penali viġenti dak iż-żmien, iżda fuq l-allegata leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jekk isir użu minn dik l-istqarrija fil-ġuri, ma

jirriżultax illi f'dan l-istadju tal-proċeduri l-imsemmija prova għandha tiġi skartata billi mhuwiex nieqes il-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola li qed teskludi l-ammissjoni ta' l-istess. Dan ifisser għalhekk illi f'dan l-istadju tal-proċeduri ebda prova oħra marbuta ma' din l-istqarrija ma għandha tiġi estromessa mill-atti.

**23. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta' l-istqarrija rilaxxati mill-akkużat jekk jirrizulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni *Beuze* hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu."**

B'rikors tas-27 t'April 2021 Militello talab lill-Qorti tagħmel referenza preliminari lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali sukwotata tilledix id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u dan wara li l-Qorti Kostituzzjonali fl-istess ġuranata fl-ismijijiet Morgan Omorah vs. L-Avukat Ġenerali tat direzzjonijiet sabiex il-Qorti Kriminali fil-kawża The Republic of Malta vs. Izuchukwu Morgan Onourah ma tippermettix l-użu tal-istqarrija bħala prova li Izuchukwu Morgan Onourah ta lill-pulizija.

Ikkunsidrat;

**Ir-referenza u t-totalità tal-proċeduri ġudizzjarji**

L-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat għandha bixra ta' eċċezzjoni preliminari. Fiha qiegħed jeċċepixxi li l-azzjoni hija waħda intempestiva stante li l-proċess kriminali għadu ma ġiex mismugħ u konkluż u qiegħed jitlob lil din il-Qorti ma teżerċitax is-setgħat tagħha kostituzzjonali u konvenzjonali.

Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma tistax tilqa' tali eċċezzjoni u dan in vista li dak li għandha quddiemha hija referenza kostituzzjonali u l-Qorti hija marbuta li tikkonsidra kwistjonijiet kostituzzjonali mqiegħda quddiemha dejjem fil-parametri tal-istess referenza.

Ingħad fis-sentenza **Bank of Valletta p.l.c vs. Joseph Attard et** (Rik Kost 65/2006) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' Frar 2008 li mal-mument li ssir referenza lil din il-Qorti, il-'mistoqsija' ma tibqax tal-parti li resqitha, iżda ssir tal-Qorti referenti. Ifisser għalhekk li

> l-"kwistjoni" imqanqla trid tkun, f'ghajnejn il-qorti li quddiemha titqanqal, <u>verament ta' ostakolu</u> ghalbiex dik il-qorti tkun tista' tipprocedi 'l quddiem biex tidderimi l-vertenza bejn il-partijiet. Ghalkemm il-kwistjoni tkun tqanqlet mill-parti, <u>bid-decizjoni li tirreferiha</u>, il-qorti tkun ghamlet dik il-kwistjoni taghha, b'mod ghalhekk li l-parti ma tistax in segwitu "tirtira" il-kwistjoni jew tirtira "it-talba…ghal referenza".
>
> […]
>
> […] isegwi li jekk ikun hemm xi ostakolu procedurali <u>iehor</u> li minhabba fih il-qorti li quddiemha tkun tqanqlet il-kwistjoni ma tkunx tista' fi kwalunkwe kaz tipprocedi oltre, "il- kwistjoni" ta' indoli kostituzzjonali ma tibqax wahda li tkun tista' tigi riferuta lill-Prim Awla, ghax id-decizjoni tal-Prim Awla tassumi f'dak il-kaz in-natura ta' semplici esercizzju akkademiku u mhux decizjoni li tkun tivvinkola lill-qorti li tkun ghamlet ir-referenza <u>fid-determinazzjoni tal-vertenza</u>, determinazzjoni li ma tkun qatt tista' tasal ghaliha."

Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew-John Migneco** (42/2011JRM) deċiża fil-15 ta' Novembru 2011 osservat li:

> “[…] quddiem Qorti li ma tkunx il-Prim’Awla, titqajjem ‘kwestjoni’ ta’ xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali li bħalha tkun tqajmet qabel, u fejn dik il-‘kwesjoni’ tkun diġa’ tqieset mill-ogħla Qorti kompetenti u tat il-provvedimenti tagħha dwarha, ma jidhirx li jkun hemm għalfejn li Qorti oħra għandha tirreferi l-każ mill-ġdid lil din il-Qorti kull darba li tqum quddiemha kwestjoni bħal dik, sakemm il-‘kwestjoni’ ma tkunx tqanqal xi punt ġdid. Ikun xieraq li l-Qorti li quddiemha titqanqal il-‘kwestjoni’ tieħu qies tad-direzzjoni murija mill-Qorti ta’ kompetenza kostituzzjonali dwar ‘kwestjoni’ bħal dik u timxi ma’ dik id-direzzjoni indikata fil-każ li jkollha quddiemha. B’daqshekk, ma jfissirx li dik il-Qorti tkun qiegħda tarroga għaliha kompetenza li m’hijiex tagħha, iżda biss li tkun qiegħda tapplika u tħaddem il-liġi fl-għarfien ta’ punti li jkunu ġew stabiliti mill-Qorti kompetenti. B’dan il-mod ukoll, jonqos it-tkattir fl-għadd ta’ kawżi riferiti, bħalma ġara quddiem il-Qrati Maltin f’dawn l-aħħar żminijiet b’rabta ma’ każi li jixbhu lil dan li għandha quddiemha din il-Qorti llum dwar stqarrijiet magħmula lill-Pulizija minn persuni li ma kenux mgħejjuna minn avukat;
>
> [...]
>
> Illi l-Qorti tħoss li għandha tiċċara wkoll li, ladarba l-każ tressaq quddiemha permezz ta’ riferenza minn Qorti oħra, ma tistax tagħżel li ma teżerċitax is-setgħa kostituzzjonali tagħha milli tqis l-aspetti kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-riferenza. Dan jingħad għaliex ir-riferenza nnifisha torbot lil din il-Qorti li tiddeċidi l-kwestjoni riferuta u ma tapplikax għaliha d-diskrezzjoni li hija miftuħa għal din l-istess Qorti taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (jew l-artikolu 4(2) tal-Kap 319) meta l-kawża tkun tressqet b’rikors mill-persuna aggravata”

Din l-aħħar osservazzjoni torbot perfettament bi tweġiba għall-ewwel eċċezzjoni imressqa mill-Avukat tal-Istat. Din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza **The Police vs. Alexander Hickery** (Rik Kost 141/2019) diġà kellha l-opportunità tagħmel osservazzjonijiet identiċi. L-istess il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Mark Formosa vs. Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et** (Rik Kost 8/2019MH) mogħtija fl-20 ta’ Lulju 2020:

"Illi l-eccezzjoni ta' intempestivita hija legalment insostenibbli fi proceduri ta' referenza kostituzzjonali/konvenzjonali, ghaliex la tkun saret ir-referenza lilha il-Qorti hija tenuta tirrispondi. Dan kif jinstab kkonfermat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Silvio Zammit** (Appell Kostituzzjonali, 13/07/2018) fejn intqal illi:

"…din il-Qorti bhall-ewwel Qorti qabilha, ma tistax tiddeklina li tezercita l-funzjoni kostituzzjonali taghha gialadarba tkun giet mitluba li twiegeb ghat-talba maghmula mill-qorti referenti fit-termini hekk impostati. Kif diga` ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, meta kwistjoni ta' natura kostituzzjonali titqieghed quddiem il-Prim'Awla fil-funzjoni kostituzzjonali taghha mhux direttament permezz ta' rikors tal-parti li tilmenta bil-ksur ta' jedd fondamentali, izda permezz ta' referenza a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, allura la l-ewwel Qorti u wisq anqas din il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni li tiddeklina li twiegeb ghall-kwezit imqeghda quddiemha, inkluz billi tistenna sakemm il-process kriminali kontra l-appellat jinghalaq qabel twiegeb ghar-referenza".

In oltre, għalkemm huwa minnu li l-proċeduri għandhom jiġi mistħarrġa fit-totalità tagħhom, il-Qorti ma tistax tieqaf hemm. Kemm il-linja ta' ġurisprudenza nostrana kif ukoll in linja ma' ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjonali Maltija u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jinpedux lill-Qorti milli tinvestiga allegat ta' ksur (attwali jew potenzjali) qabel il-proċess ġudizzjarju jiġi konkluż. Kemm skont il-Kostituzzjoni kif ukoll skont il-Konvenzjoni Ewropea, kull persuna tista' tfittex protezzjoni mhux biss meta d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħha jkunu qed jiġu miksura iżda anke jekk x'aktarx sejrin jiġu miksura.[3]

[3] Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 319.

Fis-sentenza **Arrigo and Vella v. Malta**[4] il-QEDB ipprovdiet li:

> "*The Court recalls that the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, i.e. once they have been concluded. However, it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see R.D. v. Spain, no. 15921/89, Commission decision of 1 July 1991, Decisions and Reports (DR) 71, pp. 236, 243- 244). The Court, noting that the criminal proceedings in question have not yet been completed, finds that the applicants' submissions do not disclose any such circumstances (see Putz v. Austria, no. 18892/91, Commission decision of 3 December 1993, DR 76-A, pp. 51, 64).*"

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, flimkien mal-fatt li dik li għandha quddiemha l-Qorti hija referenza kostituzzjonali, din il-Qorti hija marbuta li tiddeċiedi l-kwistjoni riferuta lilha. L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319, Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ma japplikawx meta kwistjoni tiġi riferuta lil din il-Qorti minn Qorti oħra. Din il-Qorti, għalhekk, ma ssib l-ebda raġuni valida biex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u għandha tipproċedi biex tikkunsidra l-allegat ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq.

Dan magħdud din il-Qorti tagħmilha ċara illi m'huwiex il-kompitu tagħha li tkun Qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tal-applikant; il-kawża tal-lum tirrigwarda biss l-aspetti kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tad-drittijiet invokati. Din il-Qorti m'għandhiex titqies bħala t-tielet istanza (terzo appello). Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' **Mark Lombardo et vs. Kunsill Lokali Fgura et** (Rik Kost 35/2008) tat-8 ta' Jannar 2010:

[4] Appl Nru 6569/04 deċiża fl-10 ta' Mejju 2005. Ara wkoll Dimech v. Malta (Appl Nru 34373/13) deċiża mill-QEDB fit-2 t'April 2015 § 43

> "Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandhiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara' din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b' mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti."

Il-Qorti f'din is-sentenza sejra biss teżamina jekk id-drittijiet tal-applikant hekk kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea ġewx leżi bis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) hekk meta mqabbla mas-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward tal-istess materja.

**Ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali**

Hekk miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tieħu kont ta' dawk id-deċiżjonijiet 'l aktar riċenti u relevanti li ingħataw dwar l-ammissibilita o meno tal-istqarrija kemm mill-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll dawk mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Qabel tgħaddi sabiex tagħmel elenku ta' sentenzi kostituzzjonali l-aktar riċenti dwar it-teħid ta' stqarrija, il-Qorti tirrimarka li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) ħadet xejra differenti mal-mogħdija taż-żmien dwar jekk hemmx leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq meta l-istqarrija ma ttieħedx fil-presenza t'avukat, bil-ġudizzju ewlieni l-aktar riċenti huwa **Beuze v. Belgium** (Appl. Nru 71409/10) deċiża fid-9 ta' Novembru 2018. Dan it-tagħlim baqa' jiġi segwiet fis-sentenzi li infetħu kontro Malta wara dak l-insenjament u ċioe **Farrugia v. Malta** (Appl. Nru 63041/13) deċiża fl-4 ta' Ġunju 2019 u **Stephens v. Malta** (Appl. Nru 25989/14) deċiża fl-14 ta' Jannar 2020. Meqjus dan, il-Qorti sejra tikkunsidra is-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali wara s-sentenza ta' Beuze v. Belgium. Studju approfondit dwar kif żviluppat il-ġurisprudenza bis-sentenzi **Salduz v. Turkey** (Appl Nru

36391/02) deċiża fis-27 ta' Novembru 2008 u **Borg v. Malta** (Appl Nru 37537/13) deċiża fit-12 ta' Jannar 2016 u diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati lokali diġà saret mill-Qrati tagħna, fost dawn insibu s-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Kevin Sammut** (Att t'Akkuża 3/2016) mogħtija mill-Qorti referenti fid-29 ta' Lulju 2021. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tillimita għad-deċiżjonijiet mogħtija wara Beuze v. Belgium.

L-ewwel sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali kienet ir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **Pulizija vs. Aldo Pistella** (Rik Kost 104/2016) deċiża fl-14 ta' Diċembru 2018. F'dak il-każ Pistella kien ingħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat qabel l-interrogazzjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali wara li qieset li l-proċedura għandha tittieħed fit-totalità tagħha sabiex ikun jista' jinstab ksur tal-jedd għas-smigħ xieraq, għaddiet biex pprovdiet li:

> "f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Din il-Qorti tosserva li l-Qorti Kostituzzjonali fil-konsiderazzjonijiet tagħha m'għamlet l-ebda referenza għas-sentenza ta' Beuze iżda ħadet kont tal-prinċipju ta' *overall fairness*, prinċipju li jingħata ħafna importanza fis-sentenza ta' Beuze. Sentenza oħra li ingħatat mill-Qorti Kostituzzjonali mingħajr ma saret referenza għas-sentenza ta' Beuze – iżda xorta ittieħed kont tal-prinċipju tat-totalità – hija dik mogħtija wkoll fl-14 ta' Diċembru 2018 fl-ismijiet **Brian Vella vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost 90/2016). F'dak il-każ Brian Vella

rrilaxxa stqarrija f'Ottubru 2004 u ċioe fiż-żmien meta l-arrestat ma kellux il-jedd li jikkonsulta m'avukat qabel ma ttieħditlu l-istqarrija:

"l-qorti tosserva li ma tistax taqbel mal-ewwel qorti meta qalet illi seħħ ksur tal-jedd tal-attur taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni għar-raġuni biss li ma kellux jedd li jkellem avukat qabel ma tteħditlu stqarrija u li l-ksur kien wieħed biss formali għax ma sarx użu mill-istqarrija waqt il-proċess.

17. Fil-ġurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea kif ukoll tal-qrati Maltin ġie stabbilit il-prinċipju illi meta l-proċeduri kriminali kontra l-akkużat ikunu għadhom mexjin, sakemm ma jintweriex li saret irregolarità hekk drastika li f'kull każ u inevitabilment ixxellef il-jedd għal smigħ xieraq, sejbien ta' ksur f'dan l-istadju għar-raġuni biss illi l-attur ma tħalliex ikellem avukat ikun prematur. Fil-fatt, fil-każ ta' <u>Tyrone Fenech *et v.* Malta</u> [5 ta' Jannar 2016. Ara wkoll *e.g.* <u>Martin Dimech *v.* Malta</u>, Q.E.D.B. 2 ta' April 2015.] dik il-qorti osservat illi:

»In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, *inter alia*, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.

»The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame *v*. Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).

»The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are

currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.

»Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.«

18. Lanqas ma tista' taqbel mal-ewwel qorti meta tgħid illi ma sarx użu mill-istqarrija. [...]

19. Huwa minnu illi meta, bħal fil-każ tallum, il-proċeduri kriminali kontra l-attur ikunu għadhom għaddejjin, għandu jitħalla jintemm il-proċess kollu qabel ma jiġi dikjarat ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, biex dik il-dikjarazzjoni ma tkunx prematura. [...]

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mhux għar-raġuni mogħtija mill-ewwel qorti iżda għax l-istqarrija mogħtija mill-attur bla ma tħalla jkellem avukat ma kinitx irrelevanti fis-sejbien ta' ħtija."

Jidher minn din is-sentenza għalhekk li l-Qorti Kostituzzjonali laqgħet it-talba ta' leżjoni ta' smigħ xieraq mhux għax l-akkużat ma ingħatax il-jedd li jikkonsulta m'avukat qabel l-interrogazzjoni iżda għaliex l-istqarrija ma kinitx irrelevanti fis-sejbien tal-ħtija tiegħu.

Relevanti ferm hija s-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs. Avukat Ġenerali et** (Rik. Kost. Nru 64/2014). Wara li qieset dak li ingħad mill-QEDB fil-kawża ta' Beuze v. Belgium, sabet li ma kienx hemm ksur ta' smigħ xieraq u dan wara li seta' jiġi investigat jekk is-sejbien ta' ħtija kinitx tiddependi unikament fuq l-istqarrija minnu rilaxxata. F'dik il-kawża il-Qorti Kostituzzjonali għamlet analiżi tas-sentenzi li ppreċedew il-kawża li kienet qiegħda tikkunsidra u qalet hekk:

"8. L-ewwel aggravju tal-attur huwa msejjes fuq l-argument illi:

»… … … ġie stabbilit illi l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea«.

9. Dan, igħid l-attur, ġie stabbilit f'dik li sejħilha "s-sentenza kjavi mogħtija mill-Qorti Ewropea fit-12 ta' Jannar 2016 kontra Malta fil-kawza Mario Borg *v.* Malta".

10. Qabel ma tikkummenta fuq il-każ ta' Borg il-qorti tosserva illi s-Sezzjonijiet Magħquda (*Grand Chamber*) tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet ġà qieset il-kwistjoni tad-dritt għall-għajnuna ta' avukat fil-każ ta' Salduz *v.* It-Turkija [Q.E.D.B. 27 ta' Novembru 2008 (rik. 36391/02)] u fil-parti relevanti qalet hekk"

> » ... in order for the right to a fair trial to remain sufficiently 'practical and effective' …, Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 … The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.« [§ 55]

11. Għalkemm din is-silta tista' tagħti x'tifhem illi huwa biss meta hemm "raġunijiet impellenti" ("*compelling reasons*") biex ma titħalliex tingħata l-għajnuna ta' avukat illi dan in-nuqqas ma jwassalx għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, din hija biss regola ġenerali ("*as a rule*"). Fil-fatt, ukoll fil-każ

ta’ Salduz il-qorti, għalkemm sabet li ma kienx hemm raġunijiet impellenti biex il-persuna interrogata ma titħalliex tkellem avukat, madankollu xorta qieset jekk, meqjus kollox, il-proċess kienx wieħed ġust, għalkemm fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ sabet li ma kienx. Imbagħad, fil-każ ta’ ta’ Ibrahim u oħrajn *v.* ir-Renju Unit [Q.E.D.B. 13 ta’ Settembru 2016, rikk. 50541/08, 50571/08, 50573/08 u 40351/09] il-Qorti Ewropeja fis-Sezzjonijiet Magħquda kompliet tfisser illi:

»250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see *O’Halloran and Francis v. the United Kingdom* [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court’s primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, *Taxquet v. Belgium* [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and *Schatschaschwili v. Germany* [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).

»251. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings … … …

»… … …

»262. The Court accordingly reiterates that in assessing whether there has been a breach of the right to a fair trial it is necessary to view the proceedings as a whole, and the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves. The absence of compelling reasons does not, therefore, lead in itself to a finding of a violation of Article 6 of the Convention.«

12. Effettivament, dan ifisser illi l-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm

raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("*having regard to the development of the proceedings as a whole*").

13. Il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta meta ġiet biex tinterpreta s-sentenza ta' Salduz kienet sa ċertu punt antiċipat din il-preċiżazzjoni f'sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 *in re* Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali [Rik. kost. 75/2010], meta osservat illi:

> »14. … … … Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. … … …
> »15. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.«

14. Fi kliem ieħor, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("*having regard to the development of the proceedings as a whole*") u mhux biss il-fatt waħdu illi l-persuna interrogata ma tħallietx tkellem avukat.

15. Din kienet il-posizzjoni li baqgħet tiġi segwita minn din il-qorti sakemm ingħatat is-sentenza ta' Borg imsemmija mill-attur, li kienet sentenza tar-Raba' Sezzjoni tal-Qorti Ewropea. Dik is-sentenza tgħid illi l-fatt waħdu li l-liġi ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt jew qabel l-interrogazzjoni kien biżżejjed biex jinsab ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni:

> »61. … … … indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court

notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).

»62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz,* cited above, §§ 52, 55 and 56).

»63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention «

16. Fid-dawl ta' din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali, għalkemm baqgħet temmen illi l-interpretazzjoni ta' Salduz li kienet adottat fil-każ ta' Muscat kienet dik korretta u ta' buon sens, għarfet illi wara s-sentenza ta' Borg dik il-posizzjoni ma baqgħetx tenibbli u għalhekk bidlet il-posizzjoni tagħha. Hekk, fil-każ ta' Malcolm Said v. L-Avukat Ġenerali [Kost. 24 ta' Ġunju 2016, rik. 74/2014] il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

»17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi minnaħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.

»18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.«

17. Ir-raġuni iżda fl-aħħar mill-aħħar tegħleb. Fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat fil-kuntest tal-jedd għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea kienet imsejħa, fil-każ ta' Beuze *v.* il-Belġju [Rik. 71409/10], biex tippreċiża aħjar x'inhi l-posizzjoni korretta. Tajjeb jingħad illi fil-każ ta' Beuze, bħal fil-każ tallum, il-liġi domestika fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni [Fil-fatt, kif jidher minn qari ta' §§ 154 *et seqq.* tas-sentenza, ir-restrizzjonijiet fuq il-jedd tal-persuna suspettata li tkellem avukat kienu ferm aktar restrittivi milli kienu fil-każ tallum] u ma kien hemm ebda raġuni impellenti għala ma tħallietx tingħata l-għajnuna ta' avukat [Ara §§ 161 u 163-4]. Fis-sentenza mogħtija mis-Sezzjonijiet Magħquda fid-9 ta' Novembru 2018 il-qorti qalet hekk:

»120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see *Ibrahim and Others*, … § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings … … …

»121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. … … …

»… … …

»139. The stages of the analysis as set out in the *Salduz* judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court

in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.

»140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, *ab initio,* to a violation of the Convention … … … Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form … and sometimes in greater detail …

»141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in *Ibrahim and Others* the Court consolidated the principle established by the *Salduz* judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see *Ibrahim and Others*, … §§ 257 and 258-62).
… … …

»144. In *Ibrahim and Others* the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see *Ibrahim and Others*, … § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer … to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the *Ibrahim and Others* judgment, followed by the *Simeonovi* judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that *Salduz* had laid down an absolute rule of

that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the *Dayanan* case and other judgments against Turkey.

»145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see *Ibrahim and Others*, … § 265).

»… … …

»147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention … … …

»148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.

[...]

18. Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta' <u>Borg</u> milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba' Sezzjoni f'<u>Borg</u> u effettivament tfisser li kellha raġun il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-każ ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta' <u>Borg</u>.

19. Uħud mill-imħallfin membri tal-qorti li tat is-sentenza ta' Beuze, f'opinjoni għalihom, ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f'kull każ, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu u mhux biss in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, għax dehrilhom illi, iżjed milli preċiżazzjoni tal-interpretazzjoni ta' Salduz fid-dawl ta' Ibrahim, is-sentenza ta' Beuze hija kapovolġiment ta' dik il-ġurisprudenza. Hu x'inhu, hijiex preċiżazzjoni, elaborazzjoni, evoluzzjoni jew kapovolġiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti raġun lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-ġurisprudenza li segwiet is-sentenza ta' Muscat.

20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud."

Interessanti wkoll hija s-sentenza fl-ismijiet **Graziella Attard vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost 83/2016) deċiża fis-27 ta' Settembru 2019. F'dik is-sentenza ġie meqjus li l-akkużata ma kellmitx avukat qabel ġiet interrogata u dan peress li meta ġiet arrestata l-liġi ma kinitx tagħti dak il-jedd. Ġie meqjus ukoll li fl-istqarrija hija ammettiet sehemha fir-reat u għalhekk waslet sabiex inkriminat lilha nnifisha. Kien fuq dan l-aħħar binarju li l-Qorti Kostituzzjoni ikkonkludiet li l-istqarrija ma kellhiex tibqa' fil-proċess u dan sabiex jiġi evitat kwalunkwe possibilità li ssir użu minnha waqt il-proċeduri kriminali.

Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello** (Rik Kost 38/2018) deċiża fis-27 ta' Marzu 2020, il-Qorti Kostituzzjonali wara li ħadet kont tal-fatturi provduti mill-QEDB fil-kawża Beuze, u sabet li l-ebda fattur mhu applikabbli – għalkemm ma kienx possibbli li jsir għal kollox l-eżerċizzju li ssemma fil-każ ta' Beuze għaliex il-ġuri kien għadu ma sarx – il-Qorti għaddiet biex għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

“27. Inoltre, dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel *“.... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu”* (Artikolu 465 tal-Kap. 9).

28. Li hu żgur hu li f’dan il-każ l-appellant ingħata l-opportunita’ li jitkellem ma’ avukat, bit-telefon jew wiċċ imb’wiċċ, iżda irrifjuta. B’dak il-mod l-appellant ċaħħad lilu nnifsu mill-opportunita’ li jkollu parir ta’ avukat sabiex jipprepara ruħu għall-interrogazzjoni u sabiex jingħata tagħrif dwar il-vantaġġi u żvantaġġi li jitkellem jew jagħżel is-silenzju waqt l-interrogazzjoni. Dan meta kien jaf li waqt l-interrogazzjoni ma kienx ser ikollu l-assitenza ta’ avukat preżenti. Dan apparti li kien infurmat b’mod ċar bil-jedd li jibqa’ sieket u ma jweġibx iżda xorta agħżel li jwieġeb liberament. Madankollu xorta agħżel li jwieġeb għad-domandi li sarulu.”

Il-Qorti Kostituzzjonali għaddiet sabiex ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti u ċioe li ma kienx ġie muri li bl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġuri tiegħu stess kien ser jiġi mittiefes id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

Il-Qorti Kostituzzjonali tat għad ta’ sentenzi oħra fis-sena 2020 rigwardanti s-suġett in materja u fejn il-proċeduri kriminali kienu ġew konklużi, fosthom:

a. **Roderick Castillo vs. Avukat Ġenerali et** (Rik Kost 20/2016) deċiża fl-20 ta’ Lulju 2020 – stqarrija li ġiet rilaxxata qabel Frar 2010 u fejn l-istqarrija kienet l-unika prova. F’dan il-każ filwaqt li l-ewwel Qorti kienet sabet ksur tad-dritt għas-smigħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali ħassret dik il-parti tas-sentenza a bażi biss tal-fatt li nelfrattemp kienet ingħatat sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn skartat l-istqarrija u l-liberat lill-akkużat.
b. **William Gatt vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost 60/2017) deċiża fl-20 ta’ Lulju 2020 – il-Qorti ta’ kompetenza kriminali ma tat l-ebda importanza lill-istqarrija u għalhekk ma sabitx li kien hemm leżjoni.

c. **Kingsley Wilcox vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost 101/2018) deċiża fit-23 ta' Novembru 2020 – il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti meta ma sabitx li kien hemm leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq in vista li l-istqarrija ma kinitx l-unika prova u l-ġurija ma straħitx fuq l-istqarrija biss iżda semgħet ix-xhieda kollha li tressqu quddiem il-Qorti mill-partijiet.

L-ewwel sentenza li ltaqgħat magħha din il-Qorti għas-sena 2021 kienet dik fl-ismijiet **Rosario sive Sario Sultana vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost 32/2015) deċiża proprju fit-12 ta' Jannar 2021:

> "32. Bħala overall fairness, hu prematur li jingħad li l-istqarrija waħedha twassal għall-allegata vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq. F'dan il-każ il-ġuri għad irid isir u għalhekk hemm garanziji oħra proċedurali li għad jistgħu jissalvagwardjaw id-dritt tal-appellant għal smigħ xieraq.
>
> 33. Madankollu din il-Qorti diġa` għamlitha ċara f'sentenzi preċedenti li stqarrija li jkun ta suspettat lill-pulizija mingħajr ma kellu l-opportunita` li jkollu avukat preżenti, m'għandhiex tintuża f'proċeduri kriminali. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali et tal-5 ta' Ottubru 2018 u Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella tal-14 ta' Diċembru 2018)."

It-tieni sentenza relevanti hija dik fl-ismijiet **Clive Dimech vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost 175/2019) deċiża fis-27 ta' Jannar 2021 fejn ġie ritenut hekk:

> "11. Wara s-sentenza tal-QEDB (Grand Chamber) tad-9 ta' Novembru 2018 fil-kawża **Beuze vs il-Belġju** hu issa ċar li sabiex jiġi determinat jekk in-nuqqas ta' preżenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, ħu meħtieġ li qorti tikkunsidra l-proċess kriminali sat-tmiem tiegħu. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza l-iktar riċenti tal-QEDB, **Stephens v. Malta** (35989/14) tal-14 ta' Ottubru [*recte* Jannar] 2020. Kawża li wkoll kienet tittratta dwar stqarrijiet li saru, wkoll quddiem Maġistrat.

[...]

12. Kif rajna l-ġuri għad irid isir u ovvjament mhux magħruf x'ser ikun l-eżitu u xi provi ser ikun hemm dwar l-istqarrija li saret mir-rikorrent. Sa dan l-istadju lanqas mhemm xi prova li waqt dik l-istqarrija kien hemm ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. F'kull każ l-istqarrija tar-rikorrent tas-7 ta' Mejju 2014 ma fiha l-ebda prova kontrih ġialadarba, kif kellu dritt, għażel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet kollha li sarulu. Għalhekk żgur li l-ġuri li għad irid isir m'huwiex ser ikun bażat fuq dak li qal fl-istqarrija għaliex kull ma qal kien, *'ma nweġibx'*. Għaldaqstant, dik l-istqarrija mhi ser tkun ta ebda preġudizzju għall-każ tar-rikorrent. Madankollu kif diġa` sar f'każijiet simili għal dak in eżami din il-Qorti hi tal-fehma li waqt il-proċeduri kriminali ma jsirx użu mill-imsemmija stqarrija (ara f'dan is-sens sentenzi ta' din il-Qorti, **Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali et** tal-5 ta' Ottubru 2018 u **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018)."[5]

Sentenza oħra li ingħatat fl-istess ġurnata mill-Qorti Kostituzzjonali hija dik fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat** (Rik Kost 176/2019), liema ser tiġi kunsidrata fid-dettal aktar 'l quddiem invista li dik hija s-sentenza li l-applikant qiegħed juża sabiex iqabbel mal-kawża tiegħu. F'dan l-istadju però għar-raġunijiet ta' kompletezza, din il-Qorti tosserva li f'dik is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali wkoll ordnat l-isfilz tal-istqarrija u dan sabiex il-ġurati ma jagħmlux użu minnha.

L-aħħar sentenza li din il-Qorti ltaqgħat magħha fil-mument tal-kitba kienet dik fl-ismijiet **Briegel Micallef vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost 101/2019) deċiża fit-30 ta' Ġunju 2021 fejn il-Qorti Kostituzzjonali spjegat li:

[5] Ara wkoll **The Police vs. Alexander Hickey** (Rik Kost 141/2019) deċiża wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar 2021 fejn ġie ordnat l-isfilz tal-istqarrija primarjament għaliex ingħatat meta l-akkużat kien minuri u kien meqjus bħala persuna vulnerabbli.

"7. [...] din il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li l-użu f'proċeduri Kriminali ta' stqarrija minn suspettat mingħajr ma jkun assistit minn avukat, dak il-fatt waħdu ma jwassalx għall-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti jrid jiġi kkunsidrat il-proċess fit-totalita' tiegħu (ara wkoll sentenzi li semmiet l-ewwel Qorti fosthom ***Farrugia v. Malta*** (63041/13) tal-QEDB tal-4 ta' Ġunju, 2019). Din hi l-pożizzjoni l-iktar riċenti li ħadet dik il-Qorti (ara wkoll per eżempju sentenza ***Beuze v. Belgium*** (71409/10) tad-9 ta' Novembru, 2018). Mhux l-istess jingħad dwar is-sentenza ***A.T. vs. Luxembourg*** (30460/13) tal-14 ta' Settembru, 2015 li rrefera għaliha d-difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni.

8. F'dan il-każ m'hemmx dubju li fl-istqarrija li l-attur ta lill-pulizija fis-6 ta' Ġunju, 2006, qal fatti li jinkriminawh.

[...]

10. Dan ma kienx każ fejn id-deċiżjoni ta' kundanna fl-ewwel stadju kienet determinata fuq l-istqarrija li l-akkużat ta lill-pulizija mhux fil-preżenza ta' avukat, fi stadju ta' investigazzjoni. Lanqas mhu każ fejn hemm prova li l-istqarrija inġabret b'mod illegali u kontra r-rieda tal-attur.

11. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta minn Maġistrat, iddeċidiet il-kawża Kriminali wara li semgħet il-provi kollha u għalhekk kienet fl-aħjar pożizzjoni sabiex tiddeċiedi l-kawża fil-meritu. Dan lanqas mhu każ fejn il-meritu tal-kawża Kriminali ser jiġi determinat minn ġurati. F'dan il-każ hemm sentenza ta' Qorti u fiha hemm ir-raġunijiet ta' x'wassalha sabiex issib lill-attur ħati. Każ fejn l-attur u x-xhud Ayling, ix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni, xehedu viva voce quddiem dik il-Qorti għal iktar minn darba. Għalhekk il-Qorti kienet f'pożizzjoni sabiex tqis liema verżjoni li ngħatat quddiemha kienet l-iktar kredibbli, irrispettivament ta' x'setgħu qalu lill-pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni. Dan wara li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellant ingħata kull

> opportunita` li jressaq il-provi li ried u jagħmel kontro-eżamijiet ta' xhieda tal-prosekuzzjoni."

Il-Qorti Kostituzzjonali għaddiet imbagħad sabiex tiġġustifika għalfejn qiegħed ikun hemm diverġenzi fis-sentenzi mogħtija minnha fir-rigward tal-ammissjoni o meno tal-istqarrijiet. Il-Qorti qalet hekk:

> "13. Hu minnu li din l-istess Qorti f'sentenzi oħrajn qalet li jkun floku li stqarrija li jkun ta imputat titneħħa mill-proċess tal-proċeduri Kriminali sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm periklu li eventwalment isiru proċeduri Kostituzzjonali li jistgħu jwasslu biex jiġi annullat proċess sħiħ. Madankollu, filwaqt li hemm ukoll sentenzi fejn din il-Qorti għamlet sempliċement rakkomandazzjoni, wieħed irid jiftakar li kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. F'dan il-każ partikolari diġa' hemm sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li fiha sar apprezzament tal-provi kollha li tressqu quddiem dik il-Qorti fil-kors tal-proċess kollu. Ċirkostanza li ma kinitx teżisti f'każijiet oħra li ddeċidiet dwarhom din il-Qorti. Ovvjament dak l-apprezzament ser jiġi mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
>
> 14. Wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami l-Qorti m'għandhiex dubju li bil-fatt li l-istqarrija tal-attur tibqa' fl-atti, mhijiex ser taffetwa l-*overall fairness* tal-proċeduri Kriminali li llum hemm pendenti fil-Qorti tal-Appell Kriminali. Kif rajna dik l-istqarrija mhijiex l-unika prova kontra l-attur, apparti l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tqis ukoll għandhiex mis-sewwa l-verżjoni li ta l-attur meta xehed u spjega li kien mar għad-droga sabiex jagħmel pjaċir lil Ayling."

F'din l-aħħar sentenza il-Qorti Kostituzzjonali tagħti x'tifhem, li għalkemm kull każ għandu jiġi meqjus fiċ-ċirkostanzi individwali tiegħu, fattur importanti li għandu jittieħed kont tiegħu meta jiġi deċiż jekk stqarrija għandhiex tiġi mneħħija mill-proċess kriminali huwa jekk il-mertu tal-proċedura kriminali hijiex ser tiġi determinata minn ġurati jew minn Maġistrat / Imħallef fil-każ

t'Appell. Fattur ieħor li jidher li huwa importanti minn din is-sentenza huwa li għandu jiġi meqjus jekk sarx diġà apprezzament tal-provi kollha jew jekk il-proċeduri humiex pendenti sabiex jinstemgħu mill-Qorti kompetenti.

**Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali**

Hekk elenkati s-sentenzi kostituzzjonali l-aktar riċenti, imiss issa sabiex issir referenza għas-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali rigwardanti l-ammissibbilità o meno ta' stqarrija mogħtija mingħajr il-presenza tal-avukat mid-9 ta' Novembru 2018 'l quddiem u ċioe minn wara d-deċiżjoni ta' Beuze v. Belgium.

L-ewwel sentenza li ltaqgħat magħha din il-Qorti mis-sistema onlajn[6] hija dik fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Rio Micallef et** (App Nru 14/2013) mogħtija fit-3 t'April 2019 fejn ingħad hekk:

> "22. Illi l-kwistjoni ta' dritt ghall-assistenza legali fl-istadju hekk imsejjah *pre-trial*, illum hija kjarifikata bl-insenjament tal-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza Il-Pulizija vs Aldo Pistella tal-14 ta' Dicembru, 2018 [Rik 104/2016/1] li kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-intier taghha. Il-fatti ta' dak il-kaz jirrigwardaw interogazzjoni mill-Pulizija ta' persuna suspettata minghajr ma inghatat il-fakulta' li tkun assistita minn avukat ta' fiducja taghha prezenti waqt dak l-interrogatorju. Minkejja li is-suspettat inghata dritt u ghamel uzu minn dan id-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju, dan id-dritt ma inghatax lilu waqt l-interoggatorju inniffsu;
>
> 23. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkonkludiet hekk dwar il-fatti appena rakkontati:
> "….tiddikjara illi l-fatt li l-akkuzat Aldo Pistella ma kienx assistit minn avukat ta' ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija lill-pulizija esekuttiva fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll il-fatt li ma kellux id-dritt li jitlob li

[6] https://ecourts.gov.mt/onlineservices/Judgements

jkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija, ikun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-istess Aldo Pistella kif tutelat mill-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali tieghu fil-kaz illi l-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija esekuttiva tkun prova fil-kawza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella</u> pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja;

24. Il-Qorti Kostituzzjonali abbracjat din il-konkluzzjoni minkejja l-aggravju tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li "*ghalkemm l-appellat ma kellux assistenza legali fil-mument li rrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni huwa xorta kellu d-dritt (li minnu pprevalixxa ruhu) illi jikkonsulta avukat minnuifh qabel ma jibda l-interrogatorju u ghalhekk il-fatt illi ma kellux avukat mieghu waqt l-interrogatorju bl-ebda mod ma ppregudika d-difiza tieghu u dan wisq inqas sal-grad li jista' jikkostitwixxi ksur tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq.*"

25. Din il-Qorti tosserva ukoll illi fid-decide taghha l-Qorti Kostituzzjoni ippuntwalizzat illi l-ewwel Qorti ma rritenietx illi kien hemm ksur tal-jedd tal-akkuzat, izda li uzu tal-istqarrija mehuda minghajr assistenza ikun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq. Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-istess konkluzzjoni tal-ewwel Qorti qabilha, illi ma ghandha ssir ebda referenza ghall-kull stqarrija, miktuba jew orali maghulha mill-akkuzati qua persuni suspettati lill-Pulizija fl-assenza ta' avukat ta' fiducja taghhom precedenti l-interrogazzjoni u dan sabiex ma jkun hemm ebda ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq fil-konfront tal-akkuzati."

It-tieni sentenza hija **Repubblika ta' Malta vs. Ronnie (Ronald) Azzopardi** (Att t'Akkuża 8/2012) deċiża fid-29 ta' Mejju 2019, liema sentenza wara li għamlet referenza għal dak li ingħad fis-sentenza preċedenti u ċioe dik kontro Rio Micallef u oħrajn, għaddiet sabiex tiddeċiedi li:

"**55**. Tenut kont tal-fatt illi l-istqarrijiet esebiti in atti gew rilaxxjati mill-appellant qabel l-2010, u allura fiz-zmien meta d-dritt ghall-assistenza legali

> kien kompletament inezistenti, din il-Qorti ma tistax hlief tiskarta l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant meta tigi biex taghmel l-evalwazzjoni mill-gdid tal-provi fl-aggravju lilha devolut marbut mal-apprezzament tal-provi."

Fis-27 ta' Jannar 2021 il-Qorti tal-Appell Kriminali tat għadd ta' sentenzi rigwardanti l-ammissibbilita o meno tal-istqarrijiet. Fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs. Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf et** (Att t'Akkuża 1/2019) ingħad hekk:

> "**11**. Illi l-Qorti tistqarr minnufih u mingħajr tlaqliq illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fil-lanjanza minnu miġjuba 'il quddiem. Illi jibda biex jingħad, kif diversi drabi affermat mill-qrati fir-rigward tal-principju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, illi hija prassi adottata mill-ġurisprudenza illi prova ma titqiesx li hija nammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. L-akkużati ma nvokaw ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrijiet, iżda straħu unikament fuq il-premessi fuq indikati u nsistew li kienu qegħdin ifittxu r-rimedju ordinarju għal lanjanza <u>purament</u> ta' natura kostituzzjonali. Illi anke l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata tikkonċedi illi l-istqarrijiet saru in konformita' mal-leġislazzjoni penali applikabbli fiż-żmien relevanti.
>
> **12.** Dan għaliex huwa indubitat illi fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kumissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa '*pre-trial'*, miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt għandhom jiġu skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju. Din ir-regola hija mfassla, kif tajjeb jindika l-Avukat Ġenerali fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.
>
> **13**. Illi l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fi snin reċenti.

Illi fiż-żmien meta l-akkużati ġew arrestati u interrogati lura fis-sena 2012, huma ma kellhomx il-jedd li jkollhom l-avukat preżenti magħhom matul it-teħid tal-istqarrija u dan għaliex dan il-bdil għal Kodiċi Kriminali kien konsegwenza ta' trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, bdil allura li seħħ fiż-żmien wara li l-akkużati kienu ġew interrogati. Illi fiż-żmien meta ġew rilaxxati l-istqarrijiet mill-appellati kien hemm dritt, għalkemm wieħed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiduċja tagħha fil-ħin preċedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Dan id-dritt ġie lilhom konċess biex b'hekk l-istqarrijiet sussegwentement rilaxxati, huma in konformita' mal-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Di fatti, l-leġislatur fl-artikolu l-ġdid maħluq fl-Att III tal-2002 ħaseb sabiex ***"il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali , wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu."*** Għalhekk nħolqot sitwazzjoni ġdida għar-rigward tal-istqarrijiet li ġew rilaxxati mid-data li nġiebu fis-seħħ dawk l-emendi 'l quddiem, sitwazzjoni, kif ingħad, fejn ingħata il-jedd tal-parir legali qabel l-interrogatorju. Illum fid-dawl tal-iżviluppi legali u ġurisprudenzjali, madanakollu, ma jistax jiġi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola esklużjonarja ta' dritt penali proċedurali li tirrendi dawk l-istqarrijiet inammissibbli, għaliex dawn kienu konformi mal-liġi penali viġenti fiż-żmien relevanti.

**14**. Illi l-Ewwel Qorti, għalhekk, kellha timxi b'iktar kawtela u ċirkospezzjoni, iktar u iktar wara deċiżjoni mogħtija mill-Sezzjonijiet Magħquda tal-Qorti Ewropea fil-każ *Philippe Beuze vs il-Belġju* (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018 li reġgħet qallbet il-kriterji imfassla fid-deċiżjoni ta' *Salduz* u oħrajn, u dan għalkemm sabet li f'dan il-każ kienet seħħet vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Illi f'din id-deċiżjoni il-

Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud. Dawn il-kriterji jew linji gwida baqgħu jiġu segwiti fid-deċiżjonijiet li segwew in materja, inkluż allura il-każ li laqgħat lil pajjiżna *Farrugia vs Malta*, deċiżjonijiet li l-Ewwel Qorti tagħmel referenza ampja għalihom fis-sentenza appellata u li l-Avukat Ġenerali jinvoka sabiex isaħħaħ l-lanjanza tiegħu.

[...]

**15**. Illi allura din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjament surriferit tal-Qorti Ewropea ma tistax *a priori* tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun ingħatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tiġi interrogata, iżda fejn l-avukat tagħha ma kienx preżenti fil-waqt tal-interogazzjoni, u dan ghaliex allegatament jista' jkun hemm leżjoni potenzjali tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Dan għaliex, kif mistqarr f'dan il-pronunzjament, kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex l-avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha. F'każ konsimili ġie deċiż mill-Qorti Ewropea illi ma kienet seħħet ebda leżjoni taħt l-artikolu 6:

**"In Doyle v. Ireland the applicant was allowed to be represented by a lawyer but his lawyer was not permitted in the police interview as a result of the relevant police practice applied at the time. The Court found no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention. It considered that, notwithstanding the impugned restriction on the applicant's right of access to a lawyer during the police questioning, the overall fairness of the proceedings had not been irretrievably prejudiced. In particular, it laid emphasis on the following facts: the applicant had been able to consult his lawyer; he was not particularly vulnerable; he had been able to challenge the admissibility of evidence and to oppose its use; the**

**circumstances of the case had been extensively considered by the domestic courts; the applicant's conviction had been supported by significant independent evidence; the trial judge had given proper instructions to the jury; sound public-interest considerations had justified prosecuting the applicant; and there had been important procedural safeguards, namely all police interviews had been recorded on video and made available to the judges and the jury and, while not physically present, the applicant's lawyer had the possibility, which he used, to interrupt the interview to further consult with his client.**

**429. In addition, the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (Ibid., § 136)."**
**[**https://www.echr.coe.int/documents/guide_art_6_criminal_eng.pdf]

**16**. Dan magħdud, madanakollu, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema' mill-qorti kompetenti ma jistax jingħad jekk il-kriterji indikati fil-kaz *Beuze* ġewx segwieti. Ukoll għaliex, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, la dik il-Qorti u lanqas din il-Qorti ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ, iktar u iktar f'dik is-sitwazzjoni fejn xi forma ta' assistenza legali tkun ġiet mogħtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeċiedi *a priori* illi bil-fatt waħdu illi fiż-żmien li l-persuna akkużata tkun ġiet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat preżenti magħha waqt it-teħid tal-istqarrija, dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw

jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kenux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti[7].[8]

**17**. Illi dak li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti, allura, kien illi, mogħnija bil-provi diġà ikkumpilati, abbażi tat-test imfassal fil-każ *Beuze,* tistħarreġ b'mod preliminari (u dan mingħajr ma tesprimi ruħha fil-mertu, billi dak jispetta biss l-imħallfin tal-fatt) jekk il-kriterji stabbiliti f'din id-deċiżjoni ġewx imħaddna u allura jekk bil-fatt illi l-appellati ma kellhomx avukat preżenti magħhom meta ġiet rilaxxata dik l-istqarrija jew stqarrijiet setax f'dan l-istadju tal-proċeduri vvizja dik il-prova mill-aspett tad-dritt penali.

[...]

**20**. Illi mfassal dan il-kwadru li jemerġi mill-atti kkumpilati finalment:

**"Hu fuq l-Istat l-obbligu li jagħti prova li fil-proċess kriminali kien hemm *overall fairness*. F'dan il-każ m'huwiex possibbli li jsir għal kollox l-eżerċizzju li ssemma fil-każ ta' *Beuze* għaliex s'issa l-ġuri għadu ma sarx**. [Kost: Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello – 27 ta' Marzu 2020]

Dan għaliex:

**... dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel ".... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu" (Artikolu 465 tal-Kap. 9)."** [ibid]

[7] *"the existence of compelling reasons for the right to be witheld and the overall fairness of the proceedings."*

[8] Sottolinear ta' din il-Qorti sabiex tidentifika b'mod ċar x'kienu l-konsiderazzjonijiet li saru mill-Qorti tal-Appell Kriminali qabel waslet għad-deċiżjoni finali tagħha.

**21**. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u billi d-difiża qed issejjes l-eċċezzjoni tagħha dwar l-inammissibilita ta' l-istqarrijiet ta' l-akkużati mhux fuq xi regola penali tal-evidenza li teskludi dik il-prova, peress li l-istess stqarrijiet kienu konformi mal-liġi penali viġenti dak iż-żmien, iżda fuq l-allegata leżjoni potenzjali tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif spjegat mill-Qorti fi Strasburgu jekk isir użu minn dawk l-istqarrijiet fil-ġuri, ma jirriżultax illi f'dan l-istadju tal-proċeduri l-imsemmija prova għandha tiġi skartata billi mhuwiex nieqes il-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola li qed teskludi l-ammissjoni ta' l-istess. Dan ifisser għalhekk illi f'dan l-istadju tal-proċeduri ebda prova oħra marbuta ma' dawn l-istqarrijiet jew dikjarazzjonijiet ma għandha tiġi estromessa mill-atti."[9]

Sentenza oħra li ingħatat fis-27 ta' Jannar 2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali kienet dik fl-ismijiet **Republic of Malta vs. Lamin Samura Seguba** (Att t'Akkuża 11/2017):

"**10**. In its reasoning the First Court laments the lack of legal certainty which the domestic courts have had to face in decisions regarding the probative value of pre-trial statements where the suspect did not have a lawyer present during his interrogation, and this in line with current legislation which saw the transposition into Maltese law of Directive 2013/48/EU of the European Parliament and of the Council dated 22 October 2013, and this by means of Act LI of 2016. This Court concurs with the objections put forward by the First Court to the ever-evolving situation regarding the legal validity of pre-trial statements obtained without a lawyer's assistance. Indeed, both our jurisprudence and that of the European Court present differing and often contradictory *dicta* on the matter. And it is precisely this legal uncertainty that led the First Court to uphold accused's preliminary plea regarding the inadmissibility of his pre-trial statements as evidence in the criminal proceedings brought against him. The Court thus states in its judgment:

[9] *ibid.*

> **12. The Farrugia v. Malta case essentially states that not all statements given by suspects in the pre-trial proceedings in the absence of legal assistance should be expunged from the records. The court needs to follow a number of criteria before deciding on such a request among which whether the accused was a vulnerable person, the age of the accused and whether that statement was the only evidence adduced. This Court now finds itself in a situation where it could have acceded to a request or a plea such as the present and must now decide in an opposite manner the next day even where there results "a systematic breach of pre-trial proceedings". Legal uncertainty for an accused may potentially be conducive to a breach of a fair hearing. It is the opinion of this Court that there needs to be a strong degree of certainty in such circumstances and not to hold a trial within a trial to examine whether a statement, for instance, is the only evidence produced by the prosecution.**
>
> **13. Indeed the rules as provided in Directive 13/48 cited above should be the yardstick to which all pre-trial proceedings should be subjected without making any difference with regard to the vulnerability or otherwise of the suspects, their age and other criteria. In the case at hand, the accused was offered legal assistance consisting of a maximum one hour colloquial with a lawyer or legal procurator and subject to the right of inference if he does take up such offer. This Court is not aware of what made the accused decide to not take up that offer. Perhaps he decided that it would have been useless to talk to a lawyer for one hour over the phone or face to face and not having the lawyer by his side during the interrogation proper and this is precisely another reason why certainty of rules and rights is of utmost importance.**

**11**. This Court however cannot accept the line of reasoning of the First Court, as it is its duty to lay down rules where the law fails to do so to provide that legal certainty which every accused person has a right to. This does not

necessarily amount to the removal from the records of the case of all pre-trial statements, all the more where the said statements were released according to law."

Il-Qorti imbagħad għaddiet sabiex tagħmel konsiderazzjonijiet simili għal dawk magħmula fis-sentenza kwotata qabel din.

Dan il-ħsieb ġie riprodott fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs. Ahmed El Fadali Enan** (Att t'Akkuża 7/2018) kif ukoll fis-sentenza li qiegħda tiġi hawn ikkontestata, **Repubblika ta' Malta vs. Rosario Militello** (Att t'Akkuża 3/2018). Il-Qorti tal-Appell Kriminali baqgħet tal-istess fehma fis-sentenza **Republic of Malta vs. Christopher Doll** (Att t'Akkuża 5/2020) mogħtija fit-22 ta' Settembru 2021.

Relevanti ferm hija sentenza oħra mogħtija fit-22 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Jonathan Roger Portelli** (Att t'Akkuża 14/2018) fejn ġie spjegat il-ħsieb wara s-sentenzi li hija tat:

"**21.** Illi l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi tas-27 ta' Jannar 2021 fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smiegħ xieraq. [Clive Dimech vs Avukat Generali, The Police vs Alexander Hickey, Morgan Onuorah vs l-Avukat ta'l-Istat] Hija konsapevoli wkoll ta' pronunzjamenti oħra, b'wieħed aktar recenti, [Micallef Briegel vs Avukat Ġenerali Kost. 30/06/2021] fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet tal-fehma kuntrarja**,** [Kost: Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello – 27 ta' Marzu 2020] u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma, meta tinsab mogħnija bil-provi kkumpilati u mingħajr ma tinoltra ruħha f'indaġini dwar il-mertu, li kull każ jimmerita indaġini għalih innfisu sabiex jiġi mistħarreġ jekk teżistix il-biża' li fil-proċess ġudizzarju il-persuna akkużata issofri nuqqas ta' smigħ xieraq bl-ammissjoni bħala prova ta' stqarrija li b'xi mod tista' tkun waħda mittiefsa minn xi difett mhux sanabbli anke meta wieħed

jiehu in konsiderazzjoni "*the overall fairness of the proceedings*". Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet leżjoni billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, għalkemm f'uħud mill-kazijiet tat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta' l-istqarrija, izda dan sar aktar bhala forma ta' rimedju prekawzjonarju minhabba xi leżjoni potenzjali, u mhux għax fil-fatt kienet seħħet dik il-leżjoni lamentata. Illi din il-Qorti fil-kompetenza tagħha ta' natura penali, madanakollu, ma tistax tagħti din id-direzzjoni lil Qorti Kriminali u dan għaliex kif ingħad l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta' l-istess u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ. Dan ifisser għalhekk illi f'dan l-istadju tal-proċeduri ebda prova oħra marbuta ma' din l-istqarrija ma għandha tiġi estromessa mill-att."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) adottat dan il-ħsieb, wara li ħadet kont ta' dak li kien ingħad mill-QEDB fil-kawża Beuze v. Belgium, fis-sentenzi segwenti: **Pulizija vs. Maximilian Ciantar** (App 514/2017) deċiża fis-27 ta' Frar 2019, **Pulizija vs. Anthony McKay** (App 77/2018) deċiża fit-18 ta' Ġunju 2020, **Pulizija vs. Salvu Briffa et** (App 147/2017) deċiża fil-31 ta' Jannar 2020, **Pulizija vs. Michael Kingswell** (App 149/2019) deċiża fit-30 ta' Settembru 2020, **Pulizija vs. Manuel Abela** (App 129/2019) deċiża fit-30 ta' Settembru 2020, **Pulizija vs. Simon Camilleri** (App 158/2018) deċiża fl-1 ta' Lulju 2020 u Pulizija vs. **Jackson Micallef** (App 399/2018) deċiża fis-27 ta' Novembru 2020.

Sentenza oħra li jeħtieġ li ssir referenza għaliha hija dik fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt et** (Att t'Akkuża 5/2017) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Superjuri) fis-27 t'Ottubru 2021:

“**11.** L-appellant fl-aggravju minnu mqanqal fil-fatt jilmenta illi hemm inċertezza legali minħabba deċiżjonijiet kunfliġġenti li qed jigu mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali u minn din il-Qorti, bir-riżultat illi m’hemmx konformita’ dwar il-mod kif qed jiġu ttrattati persuni akkużati b’reati quddiem il-qrati ta’ ġurisdizzjoni penali u dan wara s-sentenza “*Beuze vs il-Belgju”* moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fejn ġew imfassla linji gwida ġodda li għandhom jwasslu lil qrati jistabbilixxu jekk tkunx seħħet leżjoni tal-jedd tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq meta hija tirrilaxxja stqarrijiet inkriminatorji mingħajr l-assistenza ta’ avukat. Jisħaq illi ġaldarba ma hemmx din iċ-ċertezza legali dwar dan il-kweżit ta’ dritt, allura ikun ta’ periklu għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja li din il-prova, permezz ta’ dawn l-istqarrijiet, tinġieb a konjizzjoni tal-ġurati fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta jista’ jinsorġi il-periklu ta’ vjolazzjoni ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

[...]

**15**. Illi allura din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjament surriferit tal-Qorti Ewropea [Beuze v. Belgium u Farrugia v. Malta] ma tistax *a priori* tiskarta stqarrija ta’ persuna li tkun ittieħdet skont il-liġi viġenti fiż-żmien li ġiet rilaxxata, u dan għaliex allegatament jista’ jkun hemm leżjoni potenzjali tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Illi l-Qorti lanqas ma tista’ taqbel mal-ilment ventilat mill-appellant illi teżisti inċertezza fil-liġi minħabba deċiżjonijiet tal-qrati, li fil-fehma tiegħu, huma konfliġġenti. Dan għaliex d-direzzjoni li qed tiġi mogħtiija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija univoka, u ċioe’ illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f’kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar ‘il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha.

**16**. Illi għalhekk il-Qorti tażżarda tgħid illi lanqas hemm il-konfliġġenza lamentata u l-konsegwenti inċertezza ta’ dritt, bejn id-deċiżjonijiet ta’ din il-Qorti u dawk tal-Qorti Kostituzzjonali, billi dawn huma kollha konkordi fil-fehma illi sakemm il-proċess penali ma jkunx ġie finalment determinat sabiex

il-kriterju tal-*overall fairness* ikun jista' jiġi mistħarreġ, ma jistax jingħad illi hemm xi lezjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huwa r-rimedju mogħti li huwa differenti u dan għaliex filwaqt li l-Qorti Kostituzzjonali qed tidderiġi lil Qorti Kriminali sabiex preventivament ma ġġibx dik l-istqarrija a konjizzjoni tal-ġurati waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, fil-parametri tas-setgħat lilha mogħtija fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, u dan sabiex ma jkunx hemm il-periklu li l-proċeduri jkunu mittiefsa meta xi kundanna eventwali tiġi imsejsa fuq prova li tista' tkun ivvizjata, din il-Qorti qed tagħti direzzjoni xort'oħra lil Qorti Kriminali, fil-parametri tas-setgħat lilha mogħtija bil-liġi, billi tidderigieha tapplika il-kriterji imfassal fid-deċiżjoni *Beuze* qabel ma tgħaddi biex tiskarta prova li hija legalment valida u ammissibbli, u dan sakemm dan l-eżercizzju dwar l-*overall fairness* ma jkunx jista' isir minn din il-Qorti preventivament minn eżami tal-atti kumpilatorji. Dan meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti. Dan ifisser illi bil-fatt illi din il-Qorti qed tagħti rimedju xort'oħra minn dak mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali f'każijiet analoġi, ma jfissirx illi teżisti dik l-inċertezza fil-liġi lamentata mill-appellant billi l-ġurisprudenza hija illum konkordi fil-fehma illi fl-istadju bikri tal-proċeduri mhux dejjem jista' jiġi determinat jekk seħħitx dik leżjoni tal-jedd tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq.[10] [...]

**17.** [...] Illi jerġa' jiġi ribadit illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet leżjoni billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, għalkemm f'uħud mill-kazijiet tat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta' l-istqarrija, izda dan sar aktar bħala forma ta' rimedju prekawzjonarju minhabba xi leżjoni potenzjali, u mhux għax fil-fatt kienet seħħet dik il-leżjoni lamentata."

[10] *ibid.*

Wara din il-konsiderazzjoni u osservazzjonijiet speċifikament fuq l-istqarija mertu ta' dawk il-proċeduri, il-Qorti tal-Appell Kriminali għaddiet sabiex tordna l-isfilz tal-istqarrija:

> " [...] din il-prova li ittieħdet meta l-appellant ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellant wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid jiġi iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel, kemm permezz tad-dikjarazzjonijiet verbali magħmula mill-appellant, kif ukoll dawk magħmula fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellant ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija u dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din il-Qorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat mal-pregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellant f'kaz l-istess tiġi ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha. Il-Qorti għalhekk qed titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) ordnat ukoll l-isfilz tal-istqarrija fil-kawża ta' **Repubblika ta' Malta vs. Ismael Habesh et** (Att t'Akkuża 14/2017) deċiża fit-22 ta' Settembru 2021 stante li ġie konkluż li fl-istqarrija hemm dikjarazzjonijiet inkriminanti.

L-insenjament t'hawn fuq jista' jiġi spjegat bis-segwenti mod:

**Stqarrija**

**Rilaxxata qabel Frar 2010**

Ammissibbli iżda m'għandhiex tkun l-unika prova sabiex tinsab ħtija

Eż. Brian Vella vs. Avukat Ġenerali 14/12/2018 (proċeduri kriminali magħluqa)

Paul Anthony Caruana vs. Avukat Ġenerali 31/5/2019 (proċeduri kriminali magħluqa)

Roderick Castillo vs. Avukat Ġenerali 20/07/2020 (proċeduri kriminali magħluqa)

Ammissibbli iżda m'għandhiex tikkawża preġudizzju lill-akkużat u ċioe m'għandhiex ikollha dikjarazzjonijiet inkriminanti

Eż. Graziella Attard vs. Avukat Ġenerali 27/9/2019 (proċeduri kriminali pendenti)

Repubblika ta' Malta vs. Ismael Habesh et 22/9/2021 (proċeduri kriminali pendenti)

**Rilaxxata wara Frar 2010**

Regola hija li għandu jiġi meqjus l-*overall fairness*

Inammissibbli minħabba preġudizzju irrimedjabbli

Eż. Pulizija vs. Aldo Pistella 14/12/2019 (proċeduri kriminali pendenti – deċiżjoni QK)

Rosario sive Sario Sultana vs. Avukat Ġenerali 12/01/2021 (proċeduri kriminali pendenti – ġuri – deċiżjoni QK)

Clive Dimech vs. Avukat Ġenerali 27/01/2021 (proċeduri kriminali pendenti – ġuri – deċiżjoni QK)

Morgan Onuorah vs. Avukat Ġenerali 27/01/2021 (proċeduri kriminali pendenti – ġuri – deċiżjoni QK)

Repubblika ta' Malta vs. Ismael Habesh et 22/9/2021 (proċeduri kriminali pendenti – deċiżjoni tal-QAK)

Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt et 27/10/2021 (proċeduri kriminali pendenti - deċiżjoni tal-QAK)

Ammissibbli

Eż. Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello 20/03/2020 (proċeduri kriminali pendenti – ġuri – deċiżjoni QK)

Briegel Micallef vs. Avukat Ġenerali 30/06/2021 (appell kriminali pendenti – deċiżjoni QK)

Repubblika ta' Malta vs. Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf et (proċeduri kriminali pendenti – ġuri – deċiżjoni tal-QAK)

Republic of Malta vs. Lamin Samura Seguba (proċeduri kriminali pendenti – ġuri – deċiżjoni tal-QAK)

**Ir-referenza kostituzzjonali**

Hekk elenkati s-sentenzi riċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, imiss li jiġi mistħarreġ jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appelli Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs. Rosario Militello mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021 tilledix il-jedd tiegħu għas-smigħ xieraq fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat** mogħtija fl-istess ġurnata.

Mill-istħarriġ li għamlet il-Qorti aktar qabel jirriżulta li fl-istess ġurnata il-Qorti Kostituzzjonali tat għadd ta' sentenzi fejn sabet li l-istqarrija kellha tiġi sfilzata in vista li kien hemm il-biża li l-użu tagħha twassal għal-leżjoni ta' smigħ xieraq. Jidher ukoll mill-elenku t'hawn fuq li fl-istess ġurnata il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tat għadd ta' sentenzi fejn ikkonkludiet li hija m'għandhiex is-setgħa li tordna l-isfilz tal-istqarrija stante li ġie meqjus fiċ-ċirkostanzi li l-istqarrija għandha valur probatorju.

Jidher minn dan l-elenku wkoll li kemm il-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll il-Qorti tal-Appell (Kriminali) taw deċiżjonijiet diverġenti minn dawk mogħtija minnhom stess fil-passat. Għandu jiġi meqjus li d-diverġenzi fis-sentenzi jinħoloq minħabba żvilupp fl-interpretazzjoni tal-liġi kif ukoll in vista li s-sistema ġudizzjarju tagħna ma ssegwix il-prinċipju tal-preċident (*law of precedent*) u għalhekk tippermetti li jsir ċaqliq fl-interpretazzjonijiet li jingħataw.

Mill-istħarriġ li sar minn din il-Qorti hawn fuq jidher li hemm qbil li kull każ għandu jiġi analizzat fil-fattispeċi tiegħu u deċiżjoni mogħtija f'ċerti ċirkostanzi mhux neċessarjament hija deċiżjoni ġusta f'ċirkostanzi diversi.

Dan magħdud hemm fatturi komuni li f'kull każ jittieħdu in konsiderazzjoni meta jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali jekk stqarrija għandhiex tiġi sfilzata jew le. L-ewwel prinċipju li jidher huwa komuni hija t-totalità tal-każ. Bit-totalità ma jfissirx li wieħed ma jistax iressaq l-ilment tiegħu qabel tiġi konkluża l-kawża meta jkun hemm il-possibilità li xi

dritt ser jiġi leż u dan kif ġie spjegat aktar 'l fuq f'din is-sentenza taħt is-sezzjoni 'Ir-referenza u t-totalità tal-proċeduri ġudizzjarji'. Ifisser li għandu jiġi meqjus il-fatti kollha li l-Qorti għandha quddiemha u mhux ċirkostanza waħda weħidha.

Fattur ieħor komuni bejn is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali huwa il-konsiderazzjoni dwar jekk il-mertu tal-proċeduri kriminali hux ser jiġi deċiż minn ġuri jew minn ġudikant. L-importanza ta' dan il-fattur ħareġ ferm ċar fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat** (Rik Kost 176/2019) kif ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt et** (Att t'Akkuża 5/2017).

It-tielet prinċipju li jidher li huwa pertinenti mis-sentenzi fuq ċitati huwa li wieħed m'għandux jinkrimina lilu nnifsu bl-istqarrija li tkun rilaxxata mhux fil-presenza t'avukat. Deher ferm ċar li meta ingħadu affarijiet fl-istqarrija li inkriminaw lill-persuna li rilaxxata, dik l-istqarrija tiġi sfilzata. Din il-Qorti tinnota wkoll li f'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-bidu ta' din is-sena marret oltre minn hekk u ordnat l-isfilz tal-istqarrija anke meta l-istess ma kinitx ta' preġudizzju għall-akkużat in vista li huwa kien irrispondha kollox 'ma nweġibx'[11].

Fil-każ in eżami il-Qorti tal-Appelli Kriminali (Superjuri) għamlet ukoll l-indaġini tagħha dwar il-fattispeċi tal-każ u dwar jekk l-istqarrija kellix fiha xi dikjarazzjoni inkriminanti. L-imsemmi Qorti ma qagħdetx biss fuq il-fatt li l-akkużat irrilaxxa l-istqarrija tiegħu mingħajr il-preżenza t'avukat:

> "**19**. Illi minn eżami li għamlet din il-Qorti tal-atti kumpilatorji jemerġi illi l-appellat qiegħed jiġi mixli li ttraffika d-droga f'żewġ okkażjonijiet separati. Jiġi interrogat u jammetti l-involviment tiegħu. Ma kienx persuna vulnerabbli (jew għall-inqas prova f'dan is-sens sa issa ma hemmx) u seta' jifhem in-natura tal-akkużi li kienu qed jiġu lilu addebitati b'interpretu tassistieh tul-

[11] Clive Dimech vs. Avukat Ġenerali (Rik Kost. 175/2019) mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021, suċċitata aktar 'l fuq.

interrogazzjoni. Il-Prosekuzzjoni mbagħad tressaq diversi xhieda kemm diretti kif ukoll ċirkostanzjali sabiex tissostanzja dawn l-akkużi ta' traffikar u pussess aggravat ta' droga, b'mod ewlieni x-xiehda ġuramentata ta' ċertu Aaron Sciortino li allegatament xtara id-droga minn għand l-appellat, liema xhud imbagħad iddepona *viva voce* quddiem il-qorti istruttorja fil-15 ta' Marzu 2016. Mhux biss iżda l-appellat jiġi interċettat mill-pulizija wara li dawn jibdew jagħmlu l-għassa fuqu u josservaw il-movimenti tiegħu. Mill-pussess ta'l-appellat inoltre ġew elevati ammont ta' flus kontanti, diversi telefowns ċellulari u apparat elettroniku ieħor li kollha ġew eżaminati mill-esperti tal-Qorti Dr. Martin Bajada u Dr. Stephen Farrugia Sacco. Dan ifisser allura illi l-istqarrija ta'l-appellat mhijiex l-uniku prova li l-prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq biex tissostanzja l-akkużi miġjuba kontra l-appellat."

Din il-Qorti tinnota li nonostante li l-Qorti tal-Appelli Kriminali osservat li Militello ġie interrogat u ammetta l-involviment tiegħu fl-istess stqarrija, dik il-Qorti ikkonkludiet li l-istqarrija ma kellhiex tiġi estromessa mill-atti stante li t-talba għal sfilz kienet ibbażata fuq allegat ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq u mhux xi artikolu tad-dritt penali li jirregola l-evidenza.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma qagħdetx lura milli tordna l-isfilz ta' stqarrijiet meta sabet li fihom hemm dikjarazzjonijiet inkriminanti. L-aktar waħda riċenti li din il-Qorti ltaqgħat magħha kienet dik fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt et** (Att t'Akkuża 5/2017) mogħtija fis-27 t'Ottubru 2021 suċitata, iżda għal kull benefiċċju ser terġa tiġi riprodotta hawn ukoll:

"din il-prova li ttieħdet meta l-appellant ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellant wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid jiġi iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel, kemm permezz tad-dikjarazzjonijiet verbali magħmula mill-appellant, kif ukoll dawk magħmula fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, tista' tkun vvizzjata

minħabba il-fatt illi l-appellant ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija u dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din il-Qorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat mal-pregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellant f'kaz l-istess tiġi ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha. Il-Qorti għalhekk qed titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward"

Il-Qorti Kostituzzjonali riċentement wkoll adottat l-istess linja ta' ħsieb, fosthom insibu s-sentenza li l-applikant jagħmel referenza għaliha fir-rikors għar-referenza preliminari, dik fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat** (Rik Kost 176/2019). Fl-imsemmija kawża wara li għamlet referenza għall-insenjament mogħtija minnha stess fl-ismijiet Stephen Pirotta vs. Avukat Ġenerali u Graziella Attard vs. Avukat Ġenerali għaddiet sabiex għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"22. F'dik is-sentenza l-Qorti kkonkludiet li għar-raġunijiet li jissemmew fiha, fosthom dak li ntqal f'paragrafu 10, ma jkunx *"..... għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali, .........".* Raġunament li din il-Qorti diġa` addottat f'sentenzi preċedenti, bħal Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali et tal-5 ta' Ottubru 2018 u Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella tal-14 ta' Diċembru 2018.

23. Rilevanti wkoll li fejn isir ġuri, kif ser isir f'dan il-każ, huma l-ġurati li jagħmlu l-apprezzament tal-provi u l-verdett ma jkunx fih motivazzjoni. Għalhekk jeżisti l-periklu ċar li l-ġurati jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq dik il-prova.

[...]

26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

*"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kiene difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-*'overall fairness'* tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019)."[12]

Din hija l-linja ta' ħsieb li l-Qorti Kostituzzjonali kienet qiegħda tadotta fil-perjodu meta l-Qorti tal-Appell Kriminali għaddiet sabiex tat is-sentenza tagħha u dan huwa muri mhux biss minn din is-sentenza iżda minn għadd ta' sentenzi oħra. Il-fatt waħdu li l-interrogazzjoni ma saritx fil-presenza ta' avukat m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq jew sabiex jitqies li dik l-istqarrija m'għandhiex valur probatorju. Hija l-istqarrija li fiha ammissjoni għal uħud jew għar-reati kollha li m'għandhiex ikollha valur probatorju jew li l-użu tagħha jista' jwassal għal ksur tal-jedd fundamentali.

**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn akkuża li tkun qiegħda tinstema' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fuqhom ir-rikorrent jibni l-każ tiegħu tal-lum, għandu joħroġ ċar li dawn jirreferu għal qagħda li kienet teżisti qabel ma r-rikorrent kien imqar tressaq quddiem qorti biex iwieġeb għal akkuża magħmula kontrih. F'każ bħal dak, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jkunux

[12] Għal kull buon fini din il-Qorti tosserva li s-sentenza **Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** ġiet appellata mill-Avukat Ġenerali u s-sentenza tal-Ewwel Qorti ġiet imħassra mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-istess ġurnata li ingħatat dik is-sentenza.

għadhom applikabbli. Madankollu, in linea ma' dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Malcolm Said vs. Avukat Ġenerali et** (Rik Kost 74/2014) fl-24 ta' Ġunju 2016 ma jfissirx li dak li jkun sar qabel ma r-rikorrent ikun ġie akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat. Għalhekk jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent, il-vjolazzjoni ma sseħħx daqstant bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija meta l-attur kien għadu qed jiġi investigat, iżda bil-fatt li fil-kors tal-proċediment fejn ikun ġie akkużat isir użu mill-istqarrija kontra l-akkużat.

Min-naħa l-oħra ai termini ta' l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni** jista' jsir stħarriġ ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu. Illum il-ġurnata ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni, il-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali, u ċioe japplika minn meta l-persuna tkun għadha miżmuma b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat u qabel ma jkunu nħarġu akkużi speċifiċi kontra tagħha, diment li ma jkunx hemm raġunijiet tajbin li żżomm lill-akkużat milli jikkonsulta ma' avukat. Taħt din il-kappa ġeneralment jaqgħu sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Hija l-awtorità pubblika li trid turi li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lil persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd.

Fil-każ odjern ma jirriżultax li kien hemm xi raġunijiet hekk serji u partikolari (li l-QEDB tiġborhom taħt il-kliem '*compelling reasons*') li jċaħħdu lir-rikorrent milli jkun assistiet minn avukat waqt li kien qed jagħti l-istqarrija. Ir-raġuni waħdanija li dan ma sarx jirriżulta li kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kinitx tħalli li persuna fil-qagħda tar-rikorrent setgħet titlob dik l-għajnuna. Però kif spjegat taħt il-ġurisprudenza kwotata aktar 'l fuq, m'għadux il-każ li jista' jingħad li l-fatt waħda li l-liġi ma kinitx tippermetti l-assistenza t'avukat, iwassal sabiex awtomatikament jinstab li hemm ksur tal-jedd kif imħares taħt l-Artikolu

6 tal-Konvenzjoni. Taħt dan l-artikolu, il-QEDB fil-każ Beuze v. Belgium għamlet lista ta' fatturi li għandhom jiġu meqjusa. Dawn il-fatturi, fil-każ in eżami diġà ġew meqjusa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021.

Minn dak l-eżerċizzju li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali intwera li għalkemm huwa minnu li l-istqarrija ngħatat b'mod volontarju mill-akkużat, f'dik l-istqarrija Militello ammetta għar-reati li huwa tressaq fuqhom quddiem il-Qorti, apparti l-fatt ukoll li l-mertu tal-proċeduri kriminali ser jiġi deċiż minn ġurati.

Il-Qorti ser tadotta il-linja meħuda mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat** (Rik Kost 176/2019) fejn ordnat l-isfilz tal-istqarrija mill-proċess kriminali wara li ħadet kont tal-fatt li "huma l-ġurati li jagħmlu l-apprezzament tal-provi u l-verdett ma jkunx fih motivazzjoni. Għalhekk jeżisti l-periklu ċar li l-ġurati jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq dik il-prova" u li "l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali."

In vista ta' dan l-insenjament din il-Qorti tikkonkludi li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, taf twassal sabiex iseħħ il-ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrent sanċit taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta ordnat li l-istqarrija tibqa fil-proċess hekk meta ġie meqjus mill-Qorti Kostituzzjonali li m'għandux jitħalla jsir użu minn stqarrija li tista' tikkawża preġudizzju irrimedjabbli. Din il-Qorti tikkonkludi għalhekk li hemm periklu ċar li l-ġurati jagħmlu użu u jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq l-ammissjoni li hemm fl-istqarrija mogħtija mill-akkużat meta ma kienx assistit minn avukat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi dwar ir-referenza kostituzzjonali lilha magħmula billi:-

a. Twieġeb għall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti Kriminali bis-sentenza preliminari tagħha tal-1 ta' Ġunju 2021, billi ssib illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rosario Militello taf twassal sabiex iseħħ ksur tal-jedd fundamentali ta' Rosario Militello li jkollu smigħ xieraq kif sanċit taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. In vista ta' dan, il-Qorti tqis li ma huwiex indikat li waqt il-proċess penali jsir użu mill-istqarrija mogħtija minn Rosario Militello.

b. Tordna lir-Reġistratur jgħaddi lura l-atti lill-Qorti Referenti.

Bl-ispejjeż a karigu tal-Avukat tal-Istat.

**Moqrija**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
18 ta' Novembru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**